**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Mejju, 2002

**Numru 16**

**Avviz numru 1853/01JR**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**I.E.S. Computers Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fil-31 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' wiehed u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.75), u fejn intqal:**

**Illi s-socjeta` Maltacom plc ipprovdiet lis-socjeta` konvenuta diversi servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjonijiet bejn it-3 ta' Settembru, 1998 u t-30 t'Arpil, 2001;**

**Illi s-socjeta` konvenuta naqset li thallas is-somma ta' wiehed u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.75) minnha dovuta tas-servizzi fuq imsemmija, skond il-Ligi (Avvizi Legali 219 u 220 ta' l-1998), u dan nonostante li giet interpellata taghmel dan permezz ta' ittra ufficjali;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Dicembru, 2001, u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-24 ta' Jannar, 2002, li fiha gie eccepit:**

i. **Preliminarjament illi s-socjeta` konvenuta mhiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici;**

ii. **Illi fi kwalunkwe kaz, s-socjeta` attrici m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` konvenuta u kwindi t-talbiet taghha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;**

iii. **Illi dejjem preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` attrici ma tistax tippretendi l-ebda hlas minghand s-socjeta` konvenuta stante illi a tenur ta' l-artikolu 2 ta' l-Avviz Legali 220/1998 huwa r-regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet li ghandu dritt illi jesigi l-hlasijiet hemmhekk imsemmija;**

**iv. Illi t-talba attrici hija almenu parzjalment preskritta a tenur ta' l-artikoli 2148(a) u/jew 2149(c) tal-kodici Civili (Kap. 16);**

**v. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, fil-mertu s-socjeta` attrici ma esegwietx il-funzjonijiet li taghhom jista' jintalab hlas skond il-Ligi;**

**vi. Illi bla pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici huwa eccessiv stante illi l-Ligi tipprovdi ghal pagament ghall-servizz ta' Type Approval biss. Kwindi ma jaghmilx sens legali apparti li huwa inekwu li jigi mitlub hlas kull darba li ssir importazzjoni ta' oggett li tieghu ikun diga sar l-hekk imsejjah Type Approval;**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Noel Scerri, Joseph Cuschieri, u Joe Azzopardi. Semgha lill-partijiet jittrattaw il-kaz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Is-socjeta` attrici qed titlob li s-socjeta` konvenuta thallas l-ammont mitlub fl-avviz peress illi hi pprovdiet lis-socjeta` konvenuta servizzi ta' approvazzjoni dwar tghamir tat-telekomunikazzjonijiet, u dana bejn it-3 ta' Settembru, 1998 u t-30 t'April, 2001.**

**2. Is-socjeta` konvenuta qed tghid li mhiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, kif ukoll li ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` konvenuta, u li ma tistax tippretendi hlas minghand s-socjeta` konvenuta peress li skond l-artikolu 2 ta' l-Avviz Legali 220/1998 huwa r-regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet li ghandu dritt illi jesigi l-hlasijiet imsemmija.**

**3. L-imsemmi Artikolu 2 ta' l-Avviz Legali 220 ta' l-1998 jistipula illi:**

> **"Ghandu jithallas lir-Regulatur tat-Telekomunikazzjonijiet dwar is-servizzi stipulati fl-Ewwel Kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, id-dritt stabbilit fit-Tieni Kolonna ta' l-istess Skeda ghar-rigward ta' kull servizz."**

**Inoltre l-Artikolu 3 ta' l-istess Avviz Legali jistipula illi:**

> **"Id-dritt ghall-approvazzjoni ta' tip ta' kull taghmir iehor mhux imsemmi fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti ghandu jigi kalkolat fuq il-bazi tax-xoghol maghmul dwar dik l-approvazzjoni bir-rata ta' Lm30.00 ghal kull siegha jew parti minnha ta' inginier u Lm22.50 ghal kull siegha jew parti minnha ta' ufficjali tekniku."**

**4. Inoltre l-Artikolu 4 ta' l-Avviz Legali 219 ta' l-1998 jistipula li:**

> **"Ghall-ghanijiet ta' l-artikolu 26 ta' l-Att ta' l-1997 biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, Maltacom**

> p.l.c. hija rikonoxxuta bhala esperta f'approvazzjoni ta' tip ta' taghmir ta' terminal ta' telekomunikazzjonijiet li jkun intiz li jigi mwahhal ma' l-infrastruttura taghha."

F'dan is-sens il-Ligi qed tirrikonoxxi li s-socjeta` attrici ghandha d-dmir li tezamina apparat sabiex tara jekk tali apparat huwiex konformi ma' l-istandardi li jinhargu mill-European Telecommunications Standards Institute (ETSI).

Inoltre l-Artikolu 31 tal-Kap.399 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> "(1) Ma jista' jigi offrut ghall-bejgh, ipprovdut, installat jew uzat ebda apparat minn xi persuna kemm-il darba dan ma jkunx konformi ma' xi standardi u specifikazzjonijiet teknici hekk kif jistghu jigu preskritti.
>
> (2) L-Awtorita` tista' f'kull waqt tehtieg li apparat jigi ttestjat f'dak il-lok u hin u b'dak il-mod hekk kif hija tista' tordna."

Dawn l-emendi ta' l-ahhar sehhew fis-sena 2000, u b'hekk tnehhiet ir-referenza ta' servizz ghall-approvazzjoni ta' tip u enti rikonoxxuta bhala Espert. Pero` s-servizz ta' approvazzjoni ta' tip dwar taghmir tat-telekomunikazzjonijiet baqa' jsir, u jirrizulta li l-Awtorita tesigi li dan jsir qabel ma l-apparat ikun jista' jinbiegh jew jigi uzat.

**5. Jigi rilevat li Joe Azzopardi, Group Chief Operations Officer mas-socjeta` attrici ikkonferma li Maltacom kienet awtorizzata taghti s-servizz ghall-awtorizzazzjoni ta' apparat, u li hi kellha tithallas skond l-invoice Dok.C esebit. Hu jikkonfema li s-socjeta` attrici ghandha tigbor il-hlas ghall-kull approvazzjoni li tkun saret. Rilevanti li precedentement is-socjeta` attrici kienet bazikament taqdi l-funzjoni ta' regolatur ghal dak li jirrigwarda apparat li jikkoncerna lilha.**

**Meta s-socjeta` attrici kienet qed titqabbad biex taghti dan is-servizz hi kienet qed titqabbad kif rikjest mill-Ligi, u in kwantu qed taghti s-servizz hi gustament kellha tithallas tas-servizz li kienet qed taghti. Ghalhekk ma hux sostenibbli dak li qed tghid is-socjeta` konvenuta li s-servizz gie provdut lir-regolatur, ghaliex fil-fatt is-servizz gie pprovdut effettivament lis-socjeta` konvenuta. F'dan il-kuntest ma treggix l-eccezzjoni li s-socjeta` attrici ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` konvenuta, lanqas ma treggi l-eccezzjoni li s-socjeta` konvenuta mhix l-legittimu kontradittur. Hekk ukoll lanqas ma treggi t-tielet eccezzjoni.**

**6. Jirrizulta wkoll li hemm ftehim bejn is-socjeta` attrici u l-Malta Telecommunications Authority (ossija r-Regolatur), datat 10 t'April, 2001, li bih gie stipulat fost ohrajn is-segwenti:**

**“Maltacom plc has offered to collect the Type Approval Fees on behalf of the MCA (previously offered to the Telecommunications Regulator) at source but did not have the necessary authorization to do so;**

**The MCA wants to authorize Maltacom plc to carry out this function immediately;**

**The overdue and outstanding amounts dating back to September 1998 need to be collected.”**

**Inlotre gie stipulat ukoll li:**

**“(1). Maltacom plc will from now onwards be responsible for the charge and collection in cash at source the type approval fees specified in Legal Notice 220 of 1998 to the general public on behalf of the MCA and issues a receipt thereof……..**

**(2). Maltacom plc shall be responsible for, and incurs all costs of collection and administration as may be required for the efficient administration of this process……**

**(7). As regard the outstanding amounts dating back to September 1998 for Type Approval Services fees, which were not collected, the Company shall collect such amounts with**

**immediate effect, retain its portion of the uncollected fees and pass the remaining portion to the MCA. The MCA assumes no liability for the non-collection of these outstanding receivables."**

**7. Issa definitivament dan il-ftehim fir-rigward ta' terzi, fir-rigward tas-socjeta` konvenuta, huwa "res inter alios acta". Definitivament ma jistax jigi invokat dan il-ftehim bhala l-bazi ta' l-azzjoni li biha is-socjeta` attrici qed tinghata l-jedd u d-dritt li tigbor hi l-hlas dovut dwar approvazzjoni ta' tip minghand terzi. Pero` dak li jinghad fl-ahhar ta' fuq citat huwa indikattiv illi Maltacom kienet responsabbli ghall-gbir ta' dak li jispetta lilha sad-data tal-ftehim.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet sollevati, u jordna l-prosegwiment tal-kawza. Spejjez ta' dina d-decizjoni riservati ghall-gudizzju finali.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**